
GORCION

# GORGJON

Werrej.

1. Editorjal
2. Leġġenda ta' Għar ix-xiħ.
3. Tgħallem Kif — Joe Hili
4. B'Teleskopju — Joe Azzopardi
5. Il-Kappella tal-Lunzjata — C Attard
6. Poeżija — Anton Haber
7. Messaġġi — C Grima B Mercieca.
8. Kors Kitba bil-Malti
9. Michael Faraday — John Xuereb
10. Id-Daqquqa — Joe Sultana
11. Eku — Carmel Hili
12. Għat-tfajliet — Carmen Vella
14. Logħob Folkloristiku — Joe Xuereb
16. Sports — Frans Galea
17. Kompetizzjoni bil-premju

## ĦARĠA SPEĊJALI

JANNAR / FRAR 1974

VOL 2 NO:1 (10)



REKLAMI !!!!!!!!!!!!!!!!!!!!!!!!!!!!!

GANNI CALLEJA

TRIQ IT-TIGRIJA VICTORIA.

GHALL-DAK KOLLU LI TIEXTIEQU GHAD-DAR TAGHKOM****ASLU WASLA SA GHNDNA.

---



SEJRA GHALL-XI PARTY JEW OKKAZZJONI OHRA? TRID TIDHER ELEGANTI? GHAMEL APPUNTAMENT MAGHNA.

NANCY SALOON *****HAIRSTYLIST.

MAIN GATE STREET; VICTORIA.

---

GHALL-KULL XORTA TAD-DRAPPIJIET IRRIKORRU GHAND L-AHJAR U L-AQWA.

STELLA

Race Course Str;Victoria.




---

Ghall-ahjar Refrigerators-Washing Machines U mitt haga ohra utli ghad-dar.

TONY'S STORE

PJAZZA IT-TOKK VICTORIA.

SERMIZZ MALAJR.

## ditorial



nsellmilkom!

ż-żmien igħaddi u jgerbeb u lanqas tkun taf kif! Għaddiet ena minn meta l-magazine tagħna "Gorgion" ra d-dawl! ħaddiet sena ta' tagħlim — Kitba — taħbil il-moħħ u roblemi oħrajn li ltqajna magħhom matul din is-sena. L-rbgħa li konna qatt ma bsarna li l-magazine li ifformaj-a aħna stess kellu jimxi daqshekk 'l quddiem. Imma bil-ila u bis-sagrifiċċi tagħna, il-magazine mexa u mexa ktar milli ħsibna jew ippjanajna aħna. U llum tassew insabu ferħanin u kburin li għaddiet sena minn fuq il-orgion. Din il-ħarġa Speċjali nixtieq niddedikaha lil awk kollha li b'xi mod jew ieħor għenuna min b'mod u min ieħor biex stajna noħorġu l-magazine tagħna. Matul din -sena dehru ħafna artikli importanti għalina, l-istud-ti. Artikli miktuba minn nies ta' esperjenza. Artikli i barra mill-gost tal-qari tagħhom jiswew ukoll biex dukaw lil dak li jkun.

tar 'l quddiem ser inkomplu fuq l-istess linji. Ser xandru diversi artikli ta' interess. Għalhekk, nitlob-n biex ma titilfux il-ħarġiet tagħna.

andi l-pjaċir inħabbrilkom li minn ħdan il-Bord Edit-jali "Gorgion" ħarġet fergħa oħra — l-"Għaqda Studenti vkin". Din l-għaqda għandha bħala skop li tmexxi dan -magazine u barra minhekk torganizza attivitajiet għall-udenti. L-Għaqda diġa' qed tippjana l-proġetti tagħha l din is-sena. Għalhekk, dejjem oqogħdu attenti għall-riżi li jistgħu jidhru minn żmien għal żmien f'dan il-azine.

aħħarnett nieħdu din l-okkażjoni biex ninformawkom li pjaċir tagħna li nħajru aktar żgħażagħ biex jiktbu ikli għal dan il-magazine u b'hekk dejjem jisbieħ fil-erjal. Għalhekk ibdew minn issa. Jekk taħsbu li intom aċi biex turu l-opinjoni tagħkom bil-kitba, ibdew issa għandkom dan il-mezz ta' test tagħkom infuskom. Min-a tagħna nwegħdukom kull għajnuna u ko-operazzjoni tiżviluppaw it-talent (forsi moħbi) tagħkom.

l-editur.

## LEĠĠENDA TA' GĦAR IX-XIĦ

Ġol-wied ta' Mġarr Ix-Xini
Faċċata ta' Nofs in-Nhar
Ħdejn il-Magna ta' l-ilma
Il-fuq ġol-blat hemm għar.

Ġo fih dan l-għar kif igħidu
Żmien ilu kien igħix xiħ
U wara l-mewt minn tiegħu
Dan l-għar issemma' għalih.

Dax-xiħ kien fqir bil-bosta
Kien waħdu u bla dar
U biex ma jorqodx barra
Mar jorqod ġo dak l-għar.

Dax-xiħ kien raġel f'saħħtu
Ma kien jibża' minn ħadd
U matul ħajtu kollha
Jgħidu ma marad qatt.

Kien jiekol tin u għeneb
Ħarrub xi żewġ bajtriet
Ipejjep frak is-silla
Jixgħel in-nar biż-żnied.

Kellu kabozza kbira
Minn rasu tħokk ma' l-art
Fix-xitwa kien jilbisha
Sabiex ma jħossx il-bard.

Kien raġel ferm u qawwi
Donnu l-ġgant Gulija
Ma nafx minn fejn kien sewwa
Jgħidu li mix-Xewkija.

Kellu wiċċu ta' barri
Rasu tonda u kbira
Kien jiġi l-forn jittallab
Xi biċċa ħobż jew ftira.

(Tkompli darb'oħra)

SEN SIELA Gdida

# tgħallem KIF...



## KIF TIRRANĠA L-FUSE







Il-Malti jgħid: "Min jagħmel xogħlu b'idu, jirqmu u jżidu". Ħafna drabi xi ħsara żgħira li tiġri d-dar tagħna, inbatu ħafna minħabba fiha, għax ma nkunux nafu mmiddu jdejna.

L-aktar ħaġa komuni li tiġri hi li jtir lil-fuse u nibqgħu bla dawl, għax mhux dejjem issib electrician meta u xħin tridu int. Tajjeb li f' din is-sensiela naraw kif għandek tagħmel biex issewwi din il-ħsara żgħira. Mela nibdew mill-fuse. L-ewwelnett itfi il-Main "A" (kif jidher fl-istampa). Ħoll il-vit "B" u iġbed il-lever 'l-barra. Taħt il-lever għandek tara l-fuses "C". Jista' jkun hemm fuse wieħed, tnejn, tlieta, erbgħa, ħamsa u anki sitta (skond il-Main Switch). Ibda aqla' fuse fuse, sakemm issib dak il-fuse li għandu l-wire maqtugħ. Din tkun irqiqa ħafna. Aqbad biċċa wire tal-flex, islohħa, u poġġi żewġ 'ħajtiet' tal-wire ma' xulxin u orbothom minn kull naħa fil-viti kif kien qabel. Poġġi il-fuse f'postu u għalaq il-Main Switch. Ixgħel is-switch "A". Jekk jerġa' jtir il-fuse ħalli kollox kif inhu u sejjaħ l-electrician.

Joe Hili.

# b'teleskopju jazzopardi

## IS-SISTEMA SOLARI

### IL-PJANETI

Aħna qegħdin fid-dinja. Din hija parti mill-familja tas-Sistema Solari. Din is-sistema għandha l-qofol tagħha ix-xemx, li madwarha jduru dis' pjaneti, kull waħda b'qamar jew iżjed minn wieħed. Il-pjaneti fis-Sistema Solari huma:




Mercury hija l-eqreb lejn ix-xemx waqt illi Pluto hija l-pjaneta l-aktar imbiegħda mix-xemx. L-akbar waħda minn dawn il-ġirien tad-dinja hija l-pjaneta Jupiter waqt li Pluto hija l-iktar waħda żgħira. Dawn kollha jduru f'orbiti differenti madwar ix-xemx. Kemm Pluto u kemm Mercury huma f'estimi esaġerati għax waħda l-bogħod u l-oħra qrib ħafna tax-xemx waqt li d-dinja hija fl-aħjar poż-

(ikompli paġna 13)

# Kappelli f'Għawdex.



## IL-KAPPELLA TAL-LUNZJATA

Din il-Kappella tinsab ġewwa l-wied imsemmi għaliha "il-wied tal-Lunzjata". Dokumenti juru li fl-1347 kienet diġa hemm. Il-kwadru titulari magħmul minn Patri Luca Garnier tal-Ordni ta' San Ġwann juri l-Anġlu Gabriel iħabbar lill-Madonna.

L-arma tar-Re ta' Spanja li hemm fil-faċċata kienet turi li kien benefiċċju tiegħu. Din ġiet mibnija mis-sinjura Maltija SIBILLE D'ARAGONA, iżda billi din mietet mingħajr ma ħalliet min jiritha, Għaddiet f'idejn ir-rejjiet ta' Sqallija. L-ewwel rettur kien Don Pietru Barba u wara fl-1372, ir-Re Federiku I ta' Spanja li nzerta kien Malta ta dan il-benefiċċju lill-Malti Dun Bert Axiaq.

Il-bini tal-Kappella kif inhu llum għandu żmien mis-seklu 18 għalkemm wara l-aħħar gwerra dinjija (1939-1945) biċċa mill-faċċata u s-sagristija reġgħu nbnew. Il-Kappella tal-Lunzjata ma kienitx tgawdi l-immunita' jiġifieri li l-awtorita' tal-Gvern ma setgħetx fuq dawk li kienu jiksru l-liġi u jidħlu hemm ġew, infatti fil-bieb ta' barra nsibu rħama li fiha miktub il-kelmiet bit-Taljan "Non Gode l'Immunita' Ecclestiatica". Kien il-Gvernatur Sir Frederick Ponsonby (1827-1836) li neħħa dan id-dritt, fl-1828.

L-imkien ta' madwar din il-kappella hu frekwentat ħafna mid-dilettanti tal-kaċċa peress li l-wied tal-Lunzjata fih ħafna siġar tal-ħarrub.

Carmel Attard

Mal-Ħatra tal-Arċipriet il-Ġdid
tax-XEWKIJA
Rev. D U N K A R M M E R C I E C A
It-18 ta' J A N N A R, 1 9 7 2

Sewsew bħal-lum tliet xhur iltiema sfajna
-Mingħajr Missier u Kap, aħna x-Xewkin;
U tlabna f'daż-żmien 'l Alla w ittamajna
Li jtina dak li xtaqna għal bosta snin.

---

Tlabna 'l-Mulej jekk hi r-rieda tas-Sema
Li Xewki jkun d' id-darba l-Arċipriet;
U fraħna w minn għajnejna qabżet demgħa
Hekk kif f'dal-Jum l-aħbar mixtieqa ġriet!

---

DUN KARM MERCIECA mwieled ix-Xewkija,
Iben il-kbir Patrun tagħna San Ġwann,
Qalbieni, fuq spallejh ħa l-ħsieb, tmexxija
Ta' dan il-poplu bih bil-wisq ferħan!

---

Dun Karm, Ħutek Xewkin aħna nħobbuk
U rridu b'Missier tagħna nistqarruk!

L-Isla. 18. 1. 74 Anton Haber.

# MESSAĠĠI F'GHELUQ L-EWWEL

1\. F'egħluq l-ewwel sena mill-pubblikazzjoni "GORGION" nixtieq nesprimi tliet sentimenti

L-Ewwel Napprezza l-isforzi ta' grupp enerġiku ta' studenti li riedu joħolqu mezz li jgħaqqad lill-istudenti Xewkin kollha, u rnexxielu.

It-Tieni Ninkoraġġixxi lill-Bord Editorjali biex ikompli miexi 'l quddiem bla ma jaqta' qalbu mid-diffikultajiet li publikazzjoni ta' din ix-xorta jkollha tħabbat wiċċha magħha.

It-Tielet Inħeġġeġ lill-istudenti kollha Xewkin biex jagħtu s-sehem tagħhom ħalli l-ħarġa "Gorgion" tkompli ssir aktar popolari fost l-istudenti.

Bennie Mercieca

**************************************************************

2\. Nixtieq publikament nuri lil dawk li ma għandhomx esperjenza, anki żgħira, ix-xogħol iebes biex tistampa Magazine kull xahar. L-ewwelnett irid ikollok nies kapaċi u ħabrieka għall-kitba, b'mod li l-pinna tagħhom tingħoġob mill-qarrejja u b'hekk il-magazine jinxtara aktar. It-tieninett fih biċċa xogħol kbira oħra biex tittajpjah u tistensiljah, trid tiġbor ir-reklami u tbiegħ kopji kemm jista' jkun.

Nifhem li dan ix-xogħol kollu hu magħmul b'għaqal kbir u disinteressat mill-Bord Editorjali tal-Magazine "Gorgion" flimkien ma' ħafna studenti oħra.

Carmel Grima

# KORS KITBA BIL-MALTI

Fi żmien qarib, l-għaqda Studenti Xewkin fi ħsiebha torganizza kors ta' tagħrif dwar kitba bil-Malti. Il-kors ta' 4 lezzjonijiet hu maħsub biex igħin lil dawk kollha, studenti u m'humiex biex iħaddmu mill-aħjar, l-ilsien tagħna. Id-data tal-kors ma hiex deċiża għalissa. Din titħabbar iktar 'il-quddiem. Il-kors isir l-Erbgħa, il-Ħamis, il-Ġimgħa u s-Sibt. Biex nkunu nafu l-opinjonijiet tal-qarrejja tagħna u ta' dawk kollha interessati aħna qegħdin inqassmu formoli ta' applikazzjoni.

Il-kors jinkludi:-

Grammatika, Storja tal-Palk Malti, Novella u l-kitba tagħha, il-Poeżija Maltija, Xandir bil-Malti, kritika.

Dawn is-suġġetti ma jistgħux jiġu mgħallma f' 4 lezzjonijiet, għalhekk l-għaqda torganizza iktar minn kors wieħed jekk ikun hemm numru suffiċjenti.

Dan li ġej hu aktar tagħrif fuq il-Kors:-

1) Id-dħul ikun b'xejn.
2) Il-post ikun fis-sala ta' l-Għaqda, il-Pjazza.
3) Jistgħu jattendu għal dal-Kors minn Form II 'l fuq.
4) Jistgħu jattendu studenti barra mir-Raħal
5) Il-Kors isir dejjem mill-4.00 pm il-quddiem
6) Min jimla l-formola biss jista' jattendi
7) Il-kelliema huma kollha surmastrijiet tal-Malti fl-iskejjel Sekondarji.
8) Il-formoli jinkisbu mill-Uffiċju Gorgion jew mid-distributuri tal-magazine.

MICHAEL FARADAY

Dan ix-xjenzjat, magħruf għall-invenzjonijiet ta' l-eletriku, twieled f'Settembru 1791 f'Surrey l-Ingilterra.

Meta kien għadu żgħir, daħal apprentista fi stamperija f'Londra. Iżda baqa' dejjem miġbud għax-xjenza. Dan l-interess ġiegħel lil Humphy - Davy, xjenzjat kbir, idaħħlu fl-Istitut Irjali fejn seta' jesperimenta fuq affarijiet li kienu jinteressawh.

Faraday dejjem interessa ruħu fuq l-effetti ta' kalamita. Qara l-esperimenti ta' Hans Oerstad li kien sab li jekk kurrent igħaddi minn ġo fil, joħloq ċertu ġibda lejh. Fil-1831, wara ħafna esperimenti u tiftix, sab li jekk tħarrek kalamita fil-ġibda ta' ħafna fili jinħoloq kurrent eletriku.

Wara, żviluppa din l-idea biex bena ġeneratur li llum jissuplixxi lid-dinja b'kurrent eletriku.

Il-kotba tiegħu huma ħafna. Fil-1833, Faraday laħaq professur tal-kimika fl-Istitut Irjali li baqa' f'din il-kariga sakemm miet fl-1867.

Joe Xuereb.

ID-DAQQUQA

KAĦLA

# JOE SULTANA

Id-Daqquqa Kaħla huwa wieħed mill-aktar agħsafar strambi li hawn. Twil xi 14 il-pulzier, b'kulur griż/blu li waqt li jkun fix-xemx jidher jagħti fl-aħdar skur, taħt l-għonq huwa l-aktar ċar. Il-ġwienaħ u l-ġnub tar-rix tad-denb huma fl-iswed. Minn taħt, il-kulur ta' dan l-għasfur huwa abjad imdennes bi strixxi suwed u griżi. Is-saqajn u l-għajnejn huma sofor waqt li l-munqar ġej fil-ponta biex jaqbad l-insetti.

Id-Daqquqa Kaħla jixbaħ lis-seqer fit-titjir tiegħu. Minħabba f'hekk, meta jintlemaħ, l-agħsafar kbar jinġemgħu f'daqqa u jtuh is-salt biex iħarrbuh minn ħdejhom. Dan jagħmluh għal raġuni oħra. F'din ir-razza ta' għasafar aktar hemm irġiel milli nisa u minħabba f'hekk ħafna irġiel itiru fi qtajja ma' mara waħda tant li ma jħalluhiex tagħmel bejta bħal għasafar oħra. Din għalhekk malli tbid il-bajda taqbadha bil-munqar u tara f' liema bejta ta' għasfur ieħor se tpoġġiha. Malli tilmaħ xi bejta b'għasfura żgħira fiha, dlonk tinżel fiha, tpoġġi l-bajda tagħha fiha, xi drabi tixħet barra tal-għasfura l-oħra, u titlaq. L-għasfura ż-żgħira mhux biss ma tagħtix każ imma toqgħod fuq il-bajda li tkun inġabet. Malli ifaqqas il-ferħ tad-daqquqa kaħla dan dlonk jitfa' barra l-bejta l-frieħ l-oħra tal-għasfura li tkun faqqsitu. Minħabba f'din l-użanza l-kulur tal-bajda ta' dan l-għasfur ikun varjat ħafna biex kemm jista' jkun jaqbel ma' dawk ta' għasafar oħra.

Id-daqquqa kaħla jagħmel ħafna ġid lill-biedja għax jiekol kull xorta ta' insett.

Insibuh ibejjed fl-Ewropa u fl-Asja kollha minbarra fit-Tundra, fl-Arabja, fl-Indja u fl-Asja tal-Lbiċ. Ibejjed ukoll fl-Afrika kollha barra fid-deżert Saħara, il-Kongo u nħawi mill-Afrika t'isfel.

SENSIŁLA GDIDA

# EKU

Carmel Hili.



Kull bniedem li għandu għal qalbu xi delizzju jħossu aktar kuntent, speċjalment x'ħin ikollu xi siegħa żmien. Dan joqgħod attent biex f'din is-siegħa jgħaddi ħarir. Id-delizzi huma ħafna u kull wieħed huwa kważi kollu kemm hu differenti mill-ieħor. Ħafna huma dawk li jħobbu l-kaċċa, l-isports, l-insib, il-filatelija, il-qari, l-arti u ħafna oħrajn.

Jiena xtaqt nikteb xi ħaġa fuq il-Mużika. Bħal ma jaf kulħadd dan id-delizzju jidħol fil-qasam ta' l-arti. Iva kulħadd jafu dan, imma mhux kulħadd japprezza l-mużika bħala xogħol artistiku. Il-lum mhux lakemm wieħed jikteb mużika sagra jew klassika għaż-żgħażagħ tal-lum. Dawn ta' l-aħħar kull ma jridu hija dik li nsejħulha Pop Music. Din l-iskema terġa' tinqasam f'diversi oqsma. Bħal ma huma Roxy, Soul, Progressive eċċ. Jiena personalment m'hiniex kontra dawn anzi bħala dilettant serju ngħid li ħafna mill-kanzunetti huma semi klassiċi. Tajbin fis-sens ta' valur kbir. Dawn jintesew wara ftit taż-żmien.

Propju hawnhekk jiena rrid nissokta fuq din il-kelma — valur, biex nesprimi l-opinjoni tiegħi f'artiklu għal darb'oħra. Jiena għandi nifhem li jkun ta' nteress għaż-żgħażagħ li jaqraw dan l-artiklu. Huwa mportanti li wieħed jkun jaf il-valur bejn kanzunetta u oħra, bejn kantant u ieħor u bejn kompożitur u ieħor.

Il-kritika għandha tkun ġusta u adattata u mhux bilfors nemmnu r-rapporti tal-gazzetti u 'magazines' li l-biċċa l-kbira jservu bħala propoganda għall-manifatturi tad-diski għall-interess tal-bejgħ stess.

Carmel Hili

""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""

NAPPREZZAW DEJJEM IL-MUŻIKA

""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""""

# GĦAT-TFAJLIET



Issa li, bl-għajnuna t'Alla, bdejna sena ġdida, jaqbel li kull waħda minnkom taħseb x' għamlet matul is-sena 1973 u x'risolizzjonijiet beħsiebha tieħu għall-1974.

Meta taħsbu fis-sena li għadha kif spiċċat, żgur li taħsbu f'xi nuqqasijiet li seta' kellkom matul is-sena — nuqqasijiet fl-iskola, fuq ix-xogħol jew fid-dar għax min minna m'għandux xi difetti?!

L-ewwel risoluzzjoni għandkom tieħdu hi, li kull waħda minnkom għandha tipprova tkun ta' xi ġid lejn is-soċjeta'. Għandkom tippruvaw turu iktar imħabba lejn il-proxxmu —ħabib jew għadu. Uru iktar ħeġġa fl-istudju u fix-xogħol. Żommu quddiem għajnejkom li ż-żmien hu prezzjuż.u pprofittaw minn kull minuta li tgħaddi.

Risolizzjoni oħra li nixtieqkom tieħdu hija li tkunu kemm tistgħu onesti fl-ilbies, fil-kliem u fl-egħmil tagħkom. Bħala xebbiet kunu moderni kemm tridu iżda qatt m'għandkom toffendu l-ispirtu nisrani. Biex tilbes modern, m'hemmx għalfejn tmur fl-estrem.

L-aħħar risoluzzjoni minn qalbi nixtieq li twettqu hija li tiddevertu fil-jum tal-Ħadd kif inhu xieraq. Sewwa li wara ġimgħa studju jew xogħol fil-fabbrika jew fid-dar, tiddevertu fil-Ħdud, iżda kollox għandu jkun

(ikompli f'paġna 15)

# b'teleskopju



(ikompli minn paġna 4)

izzjoni biex jista jkun hemm il-ħajja. Pluto tant hija mbiegħda mix-xemx li dın tidher biss bħala kewba ftit kbira.

Hemm ħafna teoriji ta' kif bdiet is-Sistema Solari. Waħda minnhom tgħid hekk: Ix-xemx kienet imdawra b'ħafna gassijiet u ħmieġ li ġew minn kewkba sploduta. Wara miljuni ta' snin bdew jiffurmaw bħal tromba li bdew iduru sakemm iffurmaw pjaneta. Miljuni ta' snin reġgħu għaddew sakemm il-pjaneti birdu u saru kif nafuhom aħna.

Bejn Mars u Jupiter hemm wesa' ta' 350 miljun mil u dan huwa mimli bl-Asteroids. Dawn huma blat kbir jew aħjar il-frak ta' pjaneta li eluf ta' snin ilu splodiet.

Illum in-nies (Astronawti u Kosmonawti) għamlu ħafna vjaġġi fl-ispazju iżda għadhom ma ħarġux mis-Sistema Solari. Waslu sal-qamar tad-dinja waqt li vetturi immexxijin mid-dinja waslu sa Mars, Venus u xi pjaneti oħra fil-qrib.

JOE AZZOPARDI.

-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-

GORGION

ĦARĠA SPEĊJALI

# logħob folkloristiku (3)

IL-FATT jew IŻ-ŻORBA: (Boċċi)

Il-Fatt jew iż-Żorba hija l-aktar logħba tal-ġakkijiet popolari fil-gżejjer tagħna. Biex tintlagħab, l-art trid tkun nadifa u watja, u fiha jistgħu jieħdu sehem żewġt itfal jew aktar.

Fuq l-art jinħażżu dawra tonda jew kaxxa (8" bi 8") kif ukoll sinjal xi erbatax-il pied 'l bogħod mill-kaxxa. Dan jagħmluh bħala sinjal minn fejn it-tfal jitfgħu l-boċċa. Fil-kaxxa jiġu rranġati s-sehem tal-boċċi ta' kull wieħed li jkun qed jilgħab, waħda ma' kull kantuniera tagħha. Jekk ikun hemm iktar minn erbgħa, jitqiegħdu fuq is-sinjal ta' quddiem jew ta' wara. Jekk tkun dawra tonda, il-ġakkijiet jiġu poġġuti mad-dawra.

Jaqtgħu t-tokk, u min jiġi l-ewwel imur wara s-sinjal u jimmira boċċa għal ġakkijiet ta' ġol-kaxxa. Jekk ma jolqotx, iħalli l-boċċa li jkun tefa' fejn tiġi. Jekk jolqot xi ġakkijiet ta' ġol-kaxxa, u dawn jiġu barra mill-kaxxa, dak li jkun tefa' jkun rebaħ dawk il-boċċi ta' barra mil-kaxxa. Jekk il-boċċa tal-logħob tiġi ġewwa l-kaxxa jew dawra, il-boċċa hija 'mejta', u allura dak li jkun tefagħha jkollu jpoġġi lura fil-kaxxa dawk il-ġakkijiet li kien rebaħ, u jiġi wkoll eliminat. Jekk f'xi każi, il-boċċa tieqaf fuq is-sinjal tal-kaxxa, ma jkun irriżulta xejn, u sidha jerga' jitfa'.

Jekk lil xi ħadd jolqtulu l-ġakk li jkun qed jilgħab bih, jiġi eliminat ukoll. Fl-aħħar ma jkunx għad fadal boċċi ġol-kaxxa jew ġod-dawra, u għalhekk il-logħba tispiċċa. Dak li jibqa "ħaj" jieħu kollox, u l-oħrajn imutu.

John Xuereb.

(ikompli minn paġna 12) 

bil-qies. Żommu persuntkom dejjem sabiħa, mhux biss bl-ilbies iżda fuq kollox bl-imġieba tajba tagħkom f' kull post ta' divertiment.

Qatt m'għandkom tinsew li xebba tassew għaqlija hija dik li taf turi karattru tajjeb dejjem u kullimkien.

Carmen Vella

---

Minħabba skarsezza ta' Karti fis-suq internazzjonali l-Bord Editorjali Gorgion fi ħsiebu jagħmel arranġamenti ġodda fil-format tal-Magazine. Għalhekk filwaqt li nitolbukom tieħdu ftit paċenzja, nħeġġukom tikkoperaw dejjem magħna fl-attivitajiet li ser norganizzaw.

Il-Bord Editorjali.

---

Attard John



Artistic Portraiture

85, ST. BERT STR

XEWKIJA

(0)(0)(0)(0)(0)(0)(0)(0)(0)(0)(0)



## Profil ta' Players Xewkin:

### PAUL VELLA

Wieħed mill-aqwa defenders li qatt kellha x-Xewkija huwa bla dubju ta' xejn Paul Vella. Paul imwieled fix-Xewkija fil-11 ta' Jannar, 1950 beda l-karriera tiegħu fil-football fl-1966 meta lagħab għall-ewwel darba max-Xewkija Rovers. Wara, huwa ngħaqad mat-Tigers u għadu magħhom sal-lum. Mat-Tigers Paul Vella qatta' l-isbaħ żmien tal-karriera sportiva tiegħu u nsibuh Captain għal tliet staġuni wara xulxin -- fl-1971, 1972 u 1973. Dan il-player intagħżel kemm-il-darba biex jilgħab mal-magħżula t'Għawdex. Barra dan, huwa ħa l-ewwel titlu ta' "Footballer of the year" mniedi mit-Tigers F.C. fl-istaġun 1969/70.

Paul Vella iħobb imur għall-kaċċa fil-ħin liberu tiegħu u jsegwi wkoll l-football ta' barra minn Malta. Bħala teams favoriti għandu l-Ġermanja tal-Punent u Ajax.

## Aħbarijiet Sportivi.

1. Ix-Xewkija Tigers żammew lill-Oratory Youths draw ta' 2 bi 2 fil-logħba tal-league tal-Ħadd 27.1.74.
2. Malta reġgħet daħlet għat-tazza tan-Nazzjonijiet u telgħet fil-Group li fih il-Ġermanja tal-Punent. Din l-aħbar ferrħet lil kull min hu dilettant tal-Football.
3. Real Madrid ta' Spanja qegħdin jippruvaw jixtru lil George Best ta' Manchester United, u x'aktarx li jbiegħu lil Gunter Netzer li ma tantx qabad magħhom.

Frans Galea.

(0)(0)(0)(0)(0)(0)(0)(0)(0)(0)(0)(0)(0)(0)(0)(0)(0)(0)

# KOMPETIZZJONI

Ir-rebbieħa tal-Kompetizzjoni ta' Diċembru għal Voucher ta' 35 cents kienet:-
Antoinette Debrincat ta' 62 Triq it-Tiġrija Xewkija.
Din id-darba l-kompetizzjoni se terġa' tkun dwar il-qwiel Maltin ukoll biex aktar nitgħallmuhom.

Kompli dawn il-qwiel:

1. Iż-żejjed ħu ........................ bħan-nuqqas(?)
2. Għal kull qawwi ........................ ħemm(?)
3. Xemx ........ aħjar ........... minnha — b'madaħlux(?) ... il-bard(?)
4. Ġurdien ..................... ġobon — sutu(?) ma jonqbadx(?) bil
5. Alla ......... nhar ............... — ma jħallasx kull(?) ... ħabran(?) de Sebt(?)
6. Min jogħla .................kbira — il-fuq(?) jistma(?) sebta kbira(?)
7. Kelma bejn .................. mnejn. — tnejn, għal tlieta mhemmx(?)
8. L-għażżien dejjem .......................
9. La ....................f'ħalqek — testennix(?) il-bajtra taqa(?)
10. Trid tgħin ruħek ..................... — biss(?) Alla jgħinek(?)

Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom sa l-aħħar ta' Frar f'dan l-indirizz:

Kompetizzjoni Gorgion
25, Keraba St. Xewkija

Jingħawaw 2 premijiet lill-ewwel u t-tieni.
Dawn il-premijiet huma żewġ Vouchers ta' 35c il-wieħed ġentilment offerti minn:-

VASSALLO SUPERMARKET
Main Gate Street, Victoria, Gozo.

**********************************************

FOR YOUR HAIR NEEDS APPLY:-

A N N I E  C A M I L L E R I.

HAIRSTYLIST

ST. ANDREW STR;VICTORIA.

---

BRIFFA SHOE STORE

VICTORIA GOZO.

JIFRAH LIL-BORD EDITORJALI GORGION

F'GHELUQ L-EWWEL SENA

TIEGHU.

---

CARMELO SHEMBRI WATCHMAKER.

GHALL-TISWIJA TAL-ARLOGGI,

BIEX TIXTRI L-AHJAR ARLOGGI

IRRIKORRU: PJAZZA IT-TOKK VICTORIA

---

A B E L A ' S PHARMACY

40;

DE SOLDANIS STREET

VICTORIA.

TEL 7 6 1 7 0


G.A.
NEMO ME
IMPUNE LACESSIT